

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li tinsab f'ittra tas-6 ta' Lulju 2022 (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni kkontestata"), li permezz tagħha l-Kummissjoni ħadet talba għal reviżjoni interna, mressqa fit-3 ta' Frar 2022 mir-rikorrenti skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus <sup>(1)</sup>, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 <sup>(2)</sup>, adottat bis-saħħa tar-Regolament (UE) 2020/852 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar il-klassifikazzjoni") <sup>(3)</sup>; u,
- tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti marbuta ma' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv: id-deċiżjoni kkontestata fiha numru ta' żbalji ta' liġi dwar il-portata tal-kompetenza tal-Kummissjoni sa fejn il-Kummissjoni injorat numru ta' elementi essenzjali tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni meta adottat ir-Regolament Delegat.
2. It-tieni motiv: id-deċiżjoni kkontestata fiha żewġ żbalji manifesti ta' evalwazzjoni dwar l-evidenza xjentifika marbuta mal-kombustjoni ta' bijomassa forestali għall-enerġija.
3. It-tielet motiv: id-deċiżjoni kkontestata fiha diversi żbalji ta' evalwazzjoni dwar il-manifattura ta' sustanzi kimiċi bażiċi organiċi.
4. Ir-raba' motiv: id-deċiżjoni kkontestata fiha wkoll żbalji manifesti dwar il-manifattura ta' plastik organiku.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Access għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Access għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13; iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Aarhus").

<sup>(2)</sup> Regolament Delegat tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU 2021, L 442, p. 1).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU 2020, L 198, p. 13, rettifika fil-ĠU 2022, L 156, p. 159).

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2022 – SBM Développement vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-667/22)

(2023/C 45/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: SBM Développement SAS (Ecully, Franza) (rappreżentanti: B. Arash u H. Lindström, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1388 tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-oġġezzjonijiet mhux riżolti rigward it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-prodott bijoċidali Pat'Appât Souricide Canadien Foudroyant imressqa minn Franza u mill-Iżvezja f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2022, L 208, p. 7);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Istat tad-dritt fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 u ksur tal-artikoli 1(1) u 32 tar-Regolament (UE) 528/2012 (iktar 'il quddiem ir-"RPB")<sup>(1)</sup>.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 33, 35 u 36 tar-RPB.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Istat tad-dritt fir-rigward tal-applikazzjoni tat-Trattati – prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 19 tar-RPB u żball manifest ta' evalwazzjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq użu eċċessiv ta' poter u ksur tal-Istat tad-dritt fir-rigward tal-applikazzjoni tat-Trattati – prinċipji ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità u l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, ĠU 2012, L 167, p. 1.

### Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2022 – UniSystems Luxembourg u Unisystems systemata pliroforikis vs ESMA

(Kawża T-750/22)

(2023/C 45/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** UniSystems Luxembourg Sàrl (Bertrange, il-Lussemburgu) Unisystems systemata pliroforikis monoprosopi anonimi emporiki etairia (Kallithea, il-Greċja) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

**Konvenut:** L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-ESMA li tagħżel l-offerta tar-rikorrenti bħala t-tieni fil-kaskata fis-sejħa għal offerti miftuħa għal Konsulenza tal-ICT – PROC/2021/12 "Provista Esterna ta' Servizzi tal-IT", u li tagħti l-ewwel kuntratt fil-forma ta' kaskata fl-istess sejħa għal offerti lill-ewwel konsorzju tal-kaskata, ikkomunikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra tal-ESMA tas-17 ta' Settembru 2022;